MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 19/2009

**Joseph Borg**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta’ Novembru, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**L-Arbitru,
>
> Ra l-appell.
>
> Ra r-risposta.
>
> Ikkunsidera.

> Illi ex admissis, ir-rizorsi kapitali ta' l-appellanti jeccedu l-ammont stipulat mil-ligi.
>
> L-appell ma jistax jigi milqugh.**"**

Minn din is-sentenza appella r-rikorrenti Joseph Borg. Fir-rikors tieghu lil din il-Qorti huwa talab li d-decizjoni ta' l-Arbitru tigi revokata billi minflok jigi kkonfermat il-gravam tieghu quddiem l-istess Arbitru mid-decizjoni tad-Direttur. Huwa jikkontendi illi d-decizjoni mehuda hija zbaljata in kwantu, trattasi li hu u martu jbatu mill-marda tad-dijabete ma kellux jigi applikat it-Test tal-Mezzi ghaliex dan hu eskluz skond l-Artikolu 23 (3) ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali;

Il-fatti ewlenin li l-Arbitru kellu quddiemu kienu dawn:-

1. Fl-1993 l-appellanti kien ressaq talba ghall-Ghajnuna ghal Mard peress illi kif iddikjarat mill-konsulent mediku tieghu Dr. Michael Gonzi huwa kien sofferenti minn "diabetes mellitus";

2. B'avviz datat 9 ta' Awissu 2008 d-Direttur informa lill-appellanti illi huwa ma kienx intitolat aktar li jkompli jippercepixxi din l-Ghajnuna ghaliex, skond ma rrizultalu, il-mezzi ta' l-appellanti kienu jeccedu l-massimu prefiss mit-Test tal-Mezzi skond it-Tieni Skeda tal-Kapitolu 318;

3. Minn din id-decizjoni tad-Direttur l-appellant ressaq aggravju lill-Umpire fis-26 ta' Awissu 2008 fejn permezz tieghu ssottometta illi l-kaz tieghu kien wiehed partikolari u, jekk ma jkomplix jircievi dik l-Ghajnuna, il-qaghda tieghu tigi peggorata. Fl-Affidavit tieghu prezentat quddiem l-Arbitru huwa jiddikjara illi, ghalkemm kien irceva minghand bintu u zewgha s-somma ta' €58,234 ghal xi benefikati li hu kien ghamel fil-fond ta' residenza antecedenti li kellu, din is-somma ma kienetx bizzejjed biex hu u martu jixtru post ghalihom u biex ikopru l-

ispejjez rikorrenti li kellhom ghall-affitt ta’ post gdid f’Ghawdex, medicinali u ghall-hajja;

4. Fir-risposta tieghu ghal dan l-appell lill-Arbitru d-Direttur wiegeb illi la r-rizorsi kapitali tar-rikorrenti u tal-familja tieghu kienu jeccedu l-limitu ta’ €23,300 l-Ghajnuna ghal Mard ma setghetx tkompli tinghata;

Wara li ezaminat il-fatti premessi kif jinzlu mill-inkartament tal-kaz u semghat it-trattazzjoni tal-partijiet, il-Qorti hi in grad li taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet li jsegwu hawn taht;

Il-vertenza mertu ta’ l-investigazzjoni u tad-decizjoni mid-Direttur ma kienetx wahda li tikkoncerna l-ghoti ta’ Beneficcju Ghall-Ghajnuna Medika, ankorke fl-Avviz tieghu tad-9 ta’ Awissu, 2008 ghall-waqfien tal-beneficcju tispecifika ghajnuna bhal dik. Invece, ghall-korrettezza, jigi osservat illi l-Ghajnuna ghal liema kien applika l-appellanti kienet wahda ghal Mard. Evidentement l-ghajnuna l-wahda mhix ekwivalenti ghall-ohra tant li l-ligi tikkollokahom f’disposizzjonijiet separati;

Proprjament l-Artikolu 23 ghal liema jirrikorri l-appellanti fl-appell tieghu jabbina l-ghoti ta’ Ghajnuna Medika bla hlas mal-“medicini, nuccalijiet, dentaturi u ghajnuniet prostetici ohra” u li fil-fehma ta’ l-Ufficcjal Mediku Principali tal-Gvern ikunu indikati fil-kaz ta’ l-applikant. F’kaz bhal dan it-Test tal-Mezzi hu wkoll kondizzjoni ghall-koncessjoni ta’ dik l-Ghajnuna, hlief fil-kaz ta’ certu mard bhal “diabetes mellitus”, dwar liema dak l-istess Test ma japplikax. Ara subinciz (3) ta’ l-Artikolu 23;

Il-fattispeci tal-kaz prezenti ma jannoverax ruhu taht dan id-dispost tal-ligi izda, trattasi minn Ghajnuna ghal Mard, ghal kaz hu applikabbli d-dispost ta’ l-Artikolu 20 ta’ l-Att. Skond dan il-provvediment l-applikant ukoll irid jissupera t-

Test tal-Mezzi tieghu u tal-familja skond kif ikkalkolat mit-termini tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda ta' l-Att;

Is-sens letterali ta' l-ewwel paragrafu tat-Taqsima precitata intitolata proprju "Ghajnuna ghal Mard" ma thalli ebda dubju illi fejn l-assi kapitali tal-persuna applikanti u tal-familja jkunu, skond subparagrafu 1 (a) (ii), jaqbzu s-somma ta' €23,300 dik il-persuna "ma ghandhiex titqies li tkun intitolata ghal dik l-ghajnuna";

Fuq il-konfessjoni ta' l-istess appellant kif tinzel mill-Affidavit tieghu ma jistax jinghad illi d-Direttur appellat ghamel xi ipotesi errata tal-ligi. Hu, anzi, segwa d-dettami taghha, kif hekk wara kollox kien tenut li jaghmel, u ghadda biex iwaqqaf l-Ghajnuna prestata in vista tal-konsiderazzjoni illi r-rizorsi kapitali ta' l-appellanti kienu jeccedu l-massimali stabbilit mit-Tieni Skeda. Naturalment il-Qorti tissimpatizza xi ftit mal-qaghda ta' l-appellant li mhux ser ikompli juzufruwixxi ruhu minn dik l-Ghajnuna li kienet qed tinghatalu. Jista' jkun ukoll illi hu, ghal din ir-raguni, ser jisfa pregudikat. Minn naha l-ohra la l-Arbitru u lanqas issa din il-Qorti ma jistghu jiskartaw l-fatti kif provati u l-applikazzjoni stretta tal-ligi ghal dawk l-istess fatti.

Ghal motivi kollha su-indikati l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, ikkonfermata, b'dan li l-ispejjez relattivi ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------